# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 3 ta' Lulju 2001**

**Numru : 25**
**Citaz. Numru : 1013/01/RCP**

**HSBC Bank Malta p.l.c.**

**vs**

**(1) Vincent Spiteri**
**(2) Maria Spiteri**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih is-socjeta` attrici premettiet:

Illi s-socjeta attrici hija kreditrici tal-konvenuti fis-somma ta' hamest elef tmien mija u disgha liri u sebgha centesimi (Lm5,809.07), ammont in debitu fil-Loan Account numru 42 801 6830, kwantu ghal hamest elef hames mija u tnax il-lira u disghin centesimu (Lm5,512.90) bilanc tal-kapital misluf, u

mitejn u sitta u disghin lira u sbatax il-centesimu (Lm296.17) imghax tat-tmienja fil-mija fis-sena fuq l-istess bilanc mill-5 ta' Lulju 2000 sat-8 ta' Marzu 2001, bl-imghax ulterjuri tat-tmienja fil-mija fis-sena (8% p.a) mid-9 ta' Marzu 2001 sal-jum tal-effettiv pagament.

Illi s-socjeta' attrici interpellat lill-konvenuti biex ihallsu pero' xorta wahda l-konvenuti baqghu inadempjenti.

Illi l-ammont fuq imsemmi ta' Lm5809.07 in debitu huwa cert, likwidu, u dovut, u jinkwadra ruhu fid-disposizzjonijiet tal-artikolu 167 (a) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, u peress li fil-fehma tal-kumpannija attrici il-konvenuti m'ghandhux ikollhom eccezzjonijiet x'jaghtu.

L-istess socjeta` attrici talbet li l-konvenuti jghidu ghaliex, ghar-ragunijiet premessi, din il-Qorti m'ghandhiex:

(1) tikkundannahom ihallsu lill-kumpannija attrici s-somma ta' hamest elef tmien mija u disgha liri u sebgha centesimi (Lm5,809.07), bl-imghax tat-tmienja fil-mija fis-sena mid-9 ta' Marzu 2001, sal-jum tal-effettiv pagament, kif intqal fuq,

(2) tiddeciedi l-kawza billi tilqa' t-talbiet tal-kumpannija attrici bid-dispensa tas-smiegh skond id-

disposizzjonijiet tal-artikoli 167 et seq. tal-Kodici ta' Organizzazzjoni Procedura Civili (Kap.12).

Bl-ispejjes kontra l-konvenuti li huma minn issa ngjunti ghas-subizzjoni.

Rat l-affidavit ta’ Dr Ivan Sammut ghan-nom tas-socjeta` attrici u d-dokumenti l-ohra.

Rat li l-konvenuti debitament notifikati fiz-zmien preskritt mill-ligi baqghu kontumaci u msejha tlett darbiet lanqas ma dehru.

Peress li fic-cirkostanzi t-talba kif dedotta fic-citazzjoni tidher gustifikata u jidher ukoll li hemm lok li s-sentenza tinghata bid-dispens tas-smiegh tal-kawza, skond il-procedura tal-Artikolu 167 *et sequitur* tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili;

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi **tilqa’ t-talba attrici** b’dan illi tikkundanna lill-konvenuti:

1. ihallsu lill-kumpannija attrici s-somma ta' hamest elef tmien mija u disgha liri u sebgha centesimi (Lm5809.07), bl-imghax tat-tmienja fil-mija fis-sena mid-9 ta' Marzu 2001, sal-jum tal-effettiv pagament, kif intqal fuq.

Bl-ispejjes kontra l-konvenuti.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace. LL.D.**
**3 ta' Lulju, 2001**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur.**
**3 ta' Lulju, 2001**